MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 725/1992/2

**John Bellia**

**Vs**

**Anna Bellia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attur b'dan illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti giet resa mpossibbli u z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment;

Premess illi l-attur ihoss li din il-Qorti ghandha taghti l-provvedimenti xierqa rigwardanti t-trobbija ta' ulied il-partijiet, ilkoll minuri u jisimhom Kenneth, Josette u

Marvin, fid-dawl u in vista ta’ l-atteggjament u ta’ l-agir tal-konvenuta kif jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Premess illi l-attur huwa awtorizzat biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali mill-konvenuta permezz ta’ Digriet numru 440/92 tal-Qorti Civili, Sekond’ Awla, li kopja tieghu tinsab annessa mac-citazzjoni Dokument A;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali skond il-ligi bejn il-partijiet kontendenti;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kollha kif kontemplat fil-Kodici Civili f’dan ir-rigward u senjatament bl-applikazzjoni ta’ l-Artikoli 51 u 52;

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz dwar it-trobbija ta’ l-ulied minuri hawn fuq imsemmija;

4. Tiddikjara xjolta il-komunjoni ta’ l- akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqqilhom skond il-ligi fid-dawl ukoll tat-talbiet precedenti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-atti hawn fuq riferiti quddiem il-Qorti Civili, Sekond’ Awla, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti ma topponix l-ewwel talba ta’ l-attur billi llum ir-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli;

2. Illi l-eccipjenti ma topponix it-tielet talba attrici ghaliex l-eccipjenti tissottometti illi l-intervent tal-Qorti f'dak illi jirrigwarda t-tfal minuri tal-kontendenti jikkonferma illi l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tibqa' fdata lill-esponenti;

3. Illi l-eccipjenti ma topponix ir-raba' talba attrici b'dan pero` illi f'dan ir-rigward huwa sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-ezitu ta' tlett (3) kawzi istitwiti mill-eccipjenti kontra zewgha l-attur illi jirrigwardaw it-talbiet ta' l-istess eccipjenti biex tlett kuntratti ta' "bejgh" ta' gid immobbli komuni jew li fuqhom il-komunjoni ta' l-akkwisti kellha xi drittijiet lil terzi illi jigu mill-attur rovexxati;

4. Illi t-tieni talba attrici hija ingustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stnate illi l-eccipjenti qatt ma tat lok ghad-dekadenza mitluba;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u il-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn wara li esponiet:

Illi l-konvenuta tixtieq tipprevalixxi mill-kawza ta' l-attur zewgha biex tistitwixxi l-odjerna kontro-talba;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi Bellia m'ghadhiex aktar possibbli minhabba, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti ta' l-attur;

Illi l-konvenuta giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Mejju 1992, numru 418/92;

Talbet ghalhekk il-konvenuta lil din il-Qorti

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur;

2. Tawtorizza lill-konvenuta illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Kenneth, Josette u Marvin, ahwa Bellia, tigi fdata lill-konvenuta salv l-access ta' l-attur fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta martu, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi ta' l-attur u l-bzonnijiet tal-konvenuta;

5. Tapplika, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 56, 58 u 64(1) tal-Kodici Civili (Kap. 23) u separatament tordna illil-konvenuta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenuta u l-ohra lill-istess attur billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attur sabiex jirritorna u jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

Bl-isepjjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta li akkompanjat l-imsemmija kontro-talba, u il-lista tax-xhieda minnha indikati.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghal kontro-talba ta’ martu fejn huwa exxepixxa:-

1. Illi, preliminarment, ma kien hemm ebda lok illi ssir din il-kontro-talba ghaliex Anna Bellia da parti taghha ntavolat kawza ghas-separazzjoni personali mill-eccipjent (citazzjoni numru 738/92, appuntata ghat-13 ta’ Novembru 1992) fejn hija ressqet talbiet identici ghal dawk maghmula f’din il-kontro-talba; u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux ibati l-ispejjez relattivi;

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall- premess u fil-meritu, kienu l-atteggjament u l-komportament ta’ l-istess Anna Bellia li rrendew il-hajja konjugali impossibbli. L-agir taghha ppersista ghal snin twal, izda accentwa ruhu fl-aktar mument ikrah meta l-eccipjent skopra li huwa marid bil-kancer;

3. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u il-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-degriet taghha tal- 25 ta’ Marzu 1993 li permezz tieghu giet nominata Carmen Zammit biex tirrelata dwar l-access;

Rat ir-rapport ta’ l-imsemmija Carmen Zammit li jinsab a fol. 95 – 100 tal-process u li gie minnha debitament konfermat fit-13 ta’ Lulju 1993;

Rat id-degriet taghha tat- 13 ta’ Lulju 1993, li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport ta’ l-istess perit legali li jinsab a fol. 479 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fid- 9 ta’ Jannar 2003;

Semghet l-imsemmi espert legali in eskussjoni;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-process kif ukoll dawk fil-kawzi bejn l-istess kontendenti bin-numri 738/93 u 20/97;

Rat in-noti estensivi u esawrienti presentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:-

Illi din hija wahda minn tlett kawzi pendenti bejn il-konjugi Bellia, u l-partijiet u d-difensuri qablu li l-provi kollha li jezistu u li ngabru fit-tlett kawzi msemmija ghandhom jittiehdu li huma parti integrali fit-tlett kawzi u ghalkemm is-sentenza qed tinghata f’din il-kawza, din ghandha tkun valida u applikabbli sa fejn legalment possibbli ghaz-zewg kawzi l-ohra;  din il-kawza giet istitwita mir-ragel f’Gunju ta’ l-1992 waqt li l-mara intavolat ix-xahar ta’ wara f’ismijiet inversi l-kawza numru 738/92;  dawn iz-zewg kawzi kienu bazati fuq nuqqasijiet allegati a tenur ta’ l-artikolu 40 tal-Kodici  Civili;

Illi in segwitu l-attur ipprezenta rikors fejn talab li fil-kawza odjerna tiddahhal ukoll il-kawzali ta’ l-adulterju kontemplat fl-Artikolu 38 ta’ l-istess Kodici;  meta din giet rigettata anki wara opposizzjoni tal-konvenuta, huwa pprezenta citazzjoni ohra (bin-numru 20/97) ghas-separazzjoni minn ma’ martu, izda din id-darba talab li l-Qorti tiddikjara is-separazzjoni minhabba adulterju tal-konvenuta;

Illi l-konjugi Bellia ghadhom sallum regolarment mizzewga, bl-implikazzjonijiet legali li dan l-istat jimporta;

Illi l-meritu li jrid jigi ndirizzat huwa l-istess; veru li l-ligi tikkontempla konsegwenzi differenti ghaz-zewg ipotesijiet, imma ghalkemm l-Artikolu 48 jistipula definittivament il-konsegwenzi ghan-nuqqas b'adulterju, l-artikolu 51 jaghti lil Qorti il-poter li tapplika l-istess sanzjonijiet jekk: "*having regard to the circumstances of the case, deems it proper to apply the provisions of that article, in whole or in part*"; ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra u tiddeciedi dawn il-kawzi kif dikjarat mill-partijiet;

Illi din il-kawza bhal dik bin-numru 738/92 huma bazati fuq nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 40 u ghalhekk tressqu bosta provi in sostenn tat-tezijiet taz-zewg kontendenti;

Illi l-abbli relatur esprima l-opinjoni li "il-htijiet huma imputabbli liz-zewg kontendenti" izda ma indikax kif dawn il-htijiet ghandhom jigu maqsuma, ghalkemm issuggerixxa l-qasma bin-nofs tal-komunjoni, bl-isperanza li l-atmosfera mat-tfal tirranga.  Dwar l-ilmenti ta' l-attur huwa jigborhom taht hames kapi (para. 237 tar-relazzjoni);

Illi l-attur "ipingi lil martu bhala mara li m'ghandhiex kwiet, tara dejjem ma x'hiex taqbad. F'ghajnejha ma jaghmel xejn tajjeb. Tiggieled ma' niesu."  Il-konvenuta tispjega kif l-inkwiet bejniethom beda proprju waqt il-*honeymoon* izda minn kliemha stess ma jidhirx li l-atteggjament taghha dwar il-kwistjoni tax-xiri kien gustifikat, anzi jindika kif sa mill-bidu kellha antagonismu estrem ghal-familjari ta' zewgha, liema sentiment ma jidhirx li l-konvenuta esternatu qabel iz-zwieg;  id-differenza fil-kwalita` tal-hajja u t-trobbija tal-kontendenti kellhom l-effett mistenni – anki s-sitwazzjoni finanzjarja taz-zewg nahat tidher li ma kienitx l-istess;

Illi kompless simili ma jigix facilment superat bil-karattru li l-konvenuta uriet li ghandha. Ir-reazzjoni taghha ghal meta l-attur, minghajr preavviz qalilha biex jaghzlu is-sala ghat-tieg, tispjega din l-osservazzjoni:  "jiena meta smajt hekk ma hadtx pjacir u rajta minghajr glied ghax fl-istess hin kont ferhana";  il-Qorti, fil-kumpless tal-provi kollha, bl-isfumaturi taghhom, tifhem li l-attur kien gustifikat meta qal li martu "m'ghandhiex kwiet, tara dejjem ma' x'hiex

taqbad”. L-attur haseb ghad-dar fejn marru joqghodu, ghall-ewwel temporaneament, izda kif tghid l-istess konvenuta sentejn wara z-zwieg marru fid-dar konjugali gdida. Qamet kwistjoni sahansitra dwar tinzebghax griz jew stone colour; irrabjat u qaltlu li ma rieditx iccedi izjed ghall-indhil ta’ ommu u kienet ser taqbad it-tifel u titlaq bih – u fil-fatt telqet ghand ommha fl-Isla;

Illi oltre din il-lanjanza pjuttost karatterjali, l-ilment veru ta’ l-attur jirrigwarda l-malafama li wahhlitlu li kien omosesswali. Il-Qorti hija konvinta li dan kien u ghadu l-punt li wassal ghal din il-gwerra kollha; veru li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom - imma ma hemmx dubbju li bid-dar li kellhom, bil-mezzi finanzjarji li kienu dehlin u bl-ulied mixjin normali fl-iskola, id-dghajsa kienet tkompli issalpa b’diffikultajiet sormontabbli;

Il-posizzjoni nbidlet radikalment meta l-konvenuta dahhlet f’rasha li zewgha omosesswali. L-ewwel effett kien fuq it-tfal; mhux biss li l-konvenuta kienet tghajru li kien omosesswali apertament u regolarment quddiem it-tfal, imma bdiet iddahhlilhom f’rashom, li bhala konsegwenza kellhom joqghodu attenti minn missierhom. Kienet taghmel minn kollox biex ma jkunx maghhom u dan hareg car mir-relazzjoni ta’ Carmen Zammit li saret ftit xhur wara li bdew dawn il-proceduri, igifieri meta l-firda (biex ma tissejjahx xi haga aktar moqzieza) bejn il-missier u uliedu kienet ghadha fil-bidu taghha; dan kien ghadu fiz-zmien meta l-attur kien ghadu jipprezenta bosta rikorsi biex almenu jkollu access ghalihom;

Illi biex tispjega dan id-distakk, Carmen Zammit osservat li “ghalkemm l-omm tinkoraggixxi verbalment lit-tfal sabiex jaraw u jzuru lil missierhom, madanakollu l-atteggjament taghha qieghed jinfluenza lit-tfal sabiex ma jarawx lil missierhom.” Irrizulta b’mod car dan l-atteggjament negattiv. Jigi osservat li dan ir-rapport gie konfermat f’Lulju 1993, meta l-attur gia’ fil-15 ta’ Jannar kien ipprezenta rikors fejn irrefera ghal malafama dwar omosesswalita` li kienet qed isir kontra tieghu, u talab proprju li l-ulied jinghataw l-ghajnuna mehtiega taht is-supervizjoni ta’ Welfare Officer;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax b'disapprovazzjoni n-nuqqas ta' onesta` tal-konvenuta li kienet tipprova tati l-impressjoni li qed tipprova tipperswadi lit-tfal imorru jaraw lil missiehom, waqt li meta tkun maghhom wahedha timlihom kontra missierhom; dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-verbal ta' l-udjenza meta Carmen Zammit halfet ir-rapport li ssuggerixxa li jkollu access kull nhar ta' Sibt fid-dar ta' omm l-attur; f'dak il-mument stess id-difensur tal-konvenuta fil-presenza taghha: "jirrileva li t-tfal Kenneth u Josette gia' esprimew ruhhom kontra din l-idea";

Illi din il-posizzjoni giet ukoll konfermata anki meta il-post ta' l-access tbiddel minn ghand in-nanna ghall-ufficcju tal-Hidma Socjali - ma hemm ebda dubbju li l-atteggjament tal-konvenuta, imsemmi minn Carmen Zammit, wassal ghal firda morbuza li ghadha tezisti llum. Meta it-tifel Kenneth xehed quddiem il-perit legali, meta kellu 19-il sena u gie mistoqsi x'jaf hazin fuq missieru, wiegeb "Qabad u telaq 'l barra; qatt ma tana xejn hlief darba kull tant fil-bidu, forsi ghall-ewwel sena. Kien jigi jaqbad jati. Kelli nohrog nahdem jien"; mistoqsi ghaliex ma jkellimx lil missieru, wiegeb: "ghax ghamel hafna affarijiet";

Illi hawn tidher l-importanza tal-malafama ta' l-omosswalita'; veru li skond l-istess Carmen Zammit "l-atteggjament tieghu jidher li mhux jinkoraggixxi bizzejjed lit-tfal sabiex jibdew ikellmuh u jarawh regolari", imma la l-konvenuta u anqas l-ulied (hlief ghall-akkuza ta' omosesswalita`) ma setghu jimputawlu xi nuqqas tant serju li seta' jwassal ghal antagonizmu simili; ma tispjegax imgieba bhal din semplicement ghaliex "it-tfal isostnu li kien missierhom li qalilhom li ma jridx jarahom izjed u li ghandu jispjegalhom ir-ragunijiet u kull ma gara bejnu u bejn martu meta huma jkunu lahqu l-eta` maggorenni". X'seta jghidilhom aktar l-attur, meta l-akkuza ewlenija kienet l-akkuza ta' omosesswalita`? Ma kellu ebda triq ohra hlief li jispera li mal-maturita` jifhmu ahjar il-posizzjoni kollha;

Illi minhabba l-importanza fundamentali ta' din l-akkuza, il-Qorti sejra tezamina jekk il-konvenuta kienitx gustifikata

fid-dikjarazzjonijiet espliciti taghha dwar l-omosesswalita` fil-konfront ta' l-attur. Skond il-fehma ta' l-abbli relatur, ic-cirkostanzi spjegati mill-konvenuta "ma jfissirx li l-konvenuta kienet gustifikata li titfa dell ta' l-omosesswalita` fuq zewgha u li jigu 'fabbrikati' osservazzjonijiet ma' rgiel/nisa". Minn imkien ma jirrizulta li l-attur ghandu dan il-vizzju, ghalkemm huwa flimkien ma' huh Charles kienu spiss fil-kumpannija ta' certu Joe Vella – ipprovat titfa' dawl ikrah anki fuq din il-persuna; jigi rilevat li meta dan gie imsejjah biex jaghti ix-xhieda tieghu u l-konvenuta ma setghet taqbad ma' xejn konkret, tilfet rasha u infexxet f'insulti u tghajjir li gew debitament notati fil-verbal ta' l-istess seduta. Tali attitudini aggressiva ma tistax ma tispjegax is-sitwazzjoni bejn il-kontendenti meta kien ikollhom xi jghidu wahedhom jew ahjar fil-presenza tat-tfal;

Illi l-fabbrikazzjoni li ghaliha jaghmel riferenza r-rapport tixbah ukoll l-istorja li pprovat tati lil Carmen Zammit meta stqarret li minn naha taghha kienet theggeg lil uliedha jmorru jaraw lil missierhom – jirrizulta li din kienet biss manuvra biex tizvija lis-social worker inkarigata. Huwa wkoll ferm inkwetanti il-fatt li fl-imsemmija xhieda tieghu, it-tifel il-kbir ipprova jghid l-istess haga: "mindu missieri telaq mid-dar ommi qatt ma qaltli xejn kontrih. Lili u lil huti hafna drabi qaltilna biex inkellmuh". Dwar il-falsita` ta' stqarrija bhal din, il-Qorti ma tarax li ghandha tikkommenta oltre;

Illi skond il-konvenuta l-istorja ta' Joe Vella bdiet meta qalet li kif setghet tifhem minn dak li semghet lil zewgha jitkellem ma' ragel iehor (ma semmietx ismu) u jghidlu biex joqghod attent minn dan Vella ghax kien omosesswali; b'dana kollu fl-istess waqt stqarret: "niddikjara li fuq Joe Vella ma naf xejn personali. Beda jghidlu 'pufta'"; meta giet mistoqsija dwar il-fama ta' Joe Vella ta' xalatur u dejjem b'xi mara mieghu wiegbet: ma nafx, qatt ma fittixt dwaru, qatt ma rajtu ma' mara" – b'dana kollu waslet biex ghamlet gwerra shiha kontra zewgha semplicement ghax kien, flimkien ma' huh, spiss fil-kumpanija ta' Vella. Jigi rilevat li ammettiet li ma' Vella

l-ahwa Bellia kellhom bosta konnessjonijiet ta’ xoghol dwar artijiet u dwar kostruzzjoni ta’ bini;

Illi dwar din il-problema xehed Fr Richard Borg u dwar il-laqghat li kellu mal-kontendenti u stqarr: “Mrs Bellia kien iwegaghha il-fatt li zewgha, skond hi, ma kienx qed ikun bizzejjed id-dar u kienet takkuzah li hu kwazi kwazi omosesswali. Dana ghaliex kien jaghmilha ma’ persuna li, skond hi, kien hekk. Jien lil dan nafu u kien habib tieghi u gar fir-rahal tan-Naxxar. Pero’ ma naf xejn izjed fuqu”;

Illi ghalhekk mir-rizultanzi processwali jidher car li l-allegazzjoni li l-attur huwa omosesswali, kif ripetutament akkuzat mill-konvenuta, hija ghal kollox infondata; il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza l-konvenuta inventata biex tinsisti li huwa ghandu ikun aktar maghha, minflok imur ma’ ommu u hutu, jew ma’ Joe Vella; il-mira principali tal-kritika taghha kienet aktarx omm l-attur li maghha kien vicin. Il-konsegwenzi ta’ din l-akkuza komplew jikbru u rrizulta li tkellmet ma’ hafna nies dwar l-omosesswalita’ ta’ zewgha; il-Qorti kellha okkazjoni tikkonstata direttament kif bdiet tghajjar lil zewgha bit-titolu relativ, minkejja it-twissijiet ta’ l-istess Imhallef. Ghamlet dan forsi kemm bhala rizultat tal-karattru taghha kif ukoll ghaliex il-konvenuta ma setghetx tifhem insult bhal dak x’ifisser ghal ragel li jghix rispettat fic-cirku kompatt ta’ rahal Malti;

Illi dwar dan l-antagonizmu ghal ommu, il-Qorti ticcita mill-istqarrija tal-konvenuta dwar ic-cirkostanzi meta harget tqila bl-ewwel tifel: “... hrigt tqila bit-tifel Kenneth il-kbir. Beda l-inkwiet ghax harget kemm kien hemm ghajra min-naha ta’ ommu”; anke aktar tard: “wara erba’ xhur hrigt tqila bit-tielet tarbija; fejn taf x’ghamlet ommu – gennitlu mohhu izjed milli kien – bil-fors riedet abort”. Dwar din l-akkuza serja il-perit legali stqarr: “l-akkuza ta’ l-abort hi ohra mhix pruvata”. Skond il-konvenuta, waqt li marret l-isptar twelled, it-tfal qaghadu ma’ ommu u stqarret li “it-tifel il-kbir kien joqghod jghidli kemm haqruh”. Jirrizulta li l-ewwel tqala bdiet xi erba’ xhur wara iz-zwieg; jirrizulta wkoll li omm l-attur kellha bosta ulied; kif inghad, il-konvenuta tallega li meta t-tifel ikun ghand in-nanna: “din dejjem iddahhlu tard l-iskola”. Meta dahlet xi jumejn l-

isptar “it-tfal ma riedux jieklu minghand ommu”; meta il-konvenuta harget mill-isptar omm l-attur: “meta rat li jien kont tajba tatha rasha”. Il-Qorti kellha okkazjoni tisma’ sew lil din l-omm, u anki fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li rrizultaw, thossa konvinta li dawn l-istqarrijet negativi kollha dwar l-omm ma huma xejn attendibbli;

Illi mill-apprezzament tal-provi prodotti l-Qorti ma tarax li l-konvenuta irnexxhielha tressaq provi serji u konvincenti li l-attur kien vjolenti la fil-konfronti taghha u wisq anqas ta’ l-ulied – kien hemm glieda (x’aktarx l-akbar wahda) meta l-attur ipprova jidhol fid-dar matrimonjali wara li telaq jghix ma’ ommu, ma rnexxhielux minhabba id-difiza tal-konvenuta u tat-tfal – hallewh bejn il-bieb u l-antiporta, u spicca biex kissru umbrella fuqu fi tlett bicciet u hargulu id-demm;

Illi b’dana kollu il-Qorti tifhem li kif qal l-abbli relatur, iz-zewg partijiet ghandhom nuqqasijiet imputabbli lilhom. Irrizulta sa mill-bidu nett li l-attur ma kienx jaf jigbed lejh lil uliedu, u ghalhekk anqas gibed lejh lill-istess martu; veru li hu kien johrog lil familja regolarment fil-hdud u festi, imma kien itawwal biex johorgu u dan certament ma kienx joghgob lil martu. L-imgieba tieghu ma kienitx tghin biex jinholoq id-djalogu mal-persuna li huwa kien ghazel biex maghha jaghmel hajtu;

Illi huwa pacifiku li l-attur kien jahdem bi shih, imma irrizulta wkoll li s-sieghat li kien jibqalu kien jippreferi jghaddihom mal-familja tieghu u anki mal-hbieb; dan in-nuqqas serju kkontribwixxa wkoll ghat-tkissir taz-zwieg. Dan in-nuqqas ghen biex wassal lill-konvenuta “tivvinta” l-akkuza ta’ l-omosesswalita` u twassal mhux biss ghat-tfarrik definitiv taz-zwieg imma ghar-relazzjoni tragika li huwa ghandu ma’ uliedu;

Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tiddeciedi li ghalkemm iz-zewg partijiet ikkontribwew ghat-tfarrik taz-zwieg, in-nuqqasijiet tal-konvenuta kienu u huma ferm aktar serji. Dan qed jinghad dwar l-allegazzjonijiet reciproci ghat-tenur ta’ l-Artikolu 40 fuq imsemmi;

Illi din il-konsiderazzjoni ghandha hafna importanza, peress li tindika li, jekk il-konvenuta kisret l-obbligu imhares bl-Artikolu 38 imsemmi, certament ma tistax tissottometti li ghamlet hekk minhabba xi nuqqas serju ta' l-attur – irrizulta li l-htijet taghha kienu aktar serji minn dawk ta' zewgha;

Illi infatti, oltre l-ewwel zewg kawzi, hemm il-kawza fuq l-allegat adulterju tal-konvenuta. Il-Qorti kellha l-okkazjoni tisma' bosta mix-xhieda f'dan ir-rigward. Wara li kienu bdew l-ewwel zewg kawzi, l-attur "intefa jfittex il-passi ta' martu. Din kienet kwazi, jew bla kwazi xejn, operazzjoni organizzata"; meta intavola l-ewwel kawza, anqas biss semma il-kelma adulterju. Huwa stqarr pero' li "l-ewwel li gieni hsieb kien fl-ahhar tas-sena" (1993); it-tfal qalulu li ma kienux ser jigu jarawh fic-Centru Hidma Socjali ghax kellhom *party*; ra il-mara ghaddejja mal-kbir, mar id-dar u ra li t-tfal kienu hemm u ma marru ebda *party*. Kompla jghid: "filghaxija mort fejn id-dar u kien hemm car vicin, Skoda Favorit numru O-1325. Jien ghaddejt diversi drabi bil-car. Xi s-siegha ta' filghodu hargu mid-dar tieghi Robert Bugeja tal- car numru O-1325 (kif sirt naf li hu wara) u hargu nies izjed li marru f'karozza ohra li ma hadtx in-numru. Rajt wiehed u l-ohrajn ma stajtx nidentifikahom. Jien zammejt ruhi boghod. Dan kien allura fl-ewwel siegha tal-1994. Wara dan bdejt infittex il-passi tal-mara";

Illi jekk l-operat ta' l-attur jista' jigi konsidrat bhala operazzjoni organizzata, il-konvenuta ma halliet xejn anqas mill-parti taghha; hawn tispikka l-intromissjoni kurjuza ta' l-ex pulizija Grace Gatt li minhabba fiha gew involuti nies ohra u dan ikkonferma l-importanza li l-konvenuta tat lill-allegazzjoni ta' l-omosesswalita` ta' l-attur;

Illi l-provi f'dan ir-rigward huma voluminuzi, uhud minnhom instemghu direttament quddiem il-Qorti. Qed issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tar-rapport u dwar dan il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol f'aktar dettalji; ezami tax-xhieda li tressqu quddiem il-Qorti ma jhalli ebda ombra ta' dubbji; il-Qorti li setghet ukoll tikkonstata il-mod li inghatat ix-xhieda u tivvaluta ahjar il-piz taghha, qegheda

tadotta u taghmel taghha din il-parti tar-rapport u tiddeciedi li l-attur irnexxhielu jipprova l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta kkommettiet adulterju; dan gie kommess waqt li ghadu vinkolanti l-obbligu tal-fedelta` reciproka;

Illi fost l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti hemm id-dar matrimonjali u dak kollu li jinsab gewwa fiha – dwar dawn il-mobili ma intqal xejn la minn naha u lanqas minn ohra. Skond il-konvenuta hemm dawn l-immobbli:

i. Nofs indiviz tad-dar matrimonjali Qalb ta' Gesu', Leli Falzon Street, Naxxar (in-nofs l-iehor jappartjeni lill-attur) kif ukoll nofs l-ispejjez inkorsi ghal bini tad-dar li sar kollu fiz-zwieg;

ii. 37, Upper Bugibba Road, Bugibba, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu;

iii. Plot 5, ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija bid-dritijiet u pertinenzi kollha taghha;

iv. Il-benefikati eretti konsistenti fil-bini tal-fond Beljoanneu u l-garage Oleander;

Illi dwar l-ahhar tlett proprjetajiet kien hemm kawzi wara li l-attur, fil-mori tal-proceduri ghas-separazzjoni, ittrasferihom lil terzi; it-tieni u it-tielet gew annullati u ghalhekk jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni, waqt it-trasferiment tar-raba' proprjeta` ma giex annullat u ghalhekk mhux parti minn dawn l-assi;

Illi dwar il-flus depozitati barra minn Malta l-attur ghazel li ma jixhidx ghar-ragunijiet ovvji peress li dawn ma kienux dikjarati – altrimenti kien ikollna ir-returns ta' l-income tax. F'wiehed mill-bosta rikorsi estensivi prezentati, jinghad li kien hemm biss 10,000 li kienu debitament dikjarati. Minn naha taghha il-konvenuta wkoll ghazlet li ma tixhidx, presumibilment ghaliex skond id-dokumenti esebiti, il-kontijiet li taghhom gew esebiti kopji (dawn ma gew bl-ebda mod konfermati u ghalhekk strettament, kif gustament rilevat mill-espert ma ghandhomx jigu konsidrati) kienu f'isem it-tnejn u it-tnejn kienu jesponu

ruhhom ghall-istess konsegwenzi. Kien ghalhekk li fir-rapport peritali insibu "l-istqarrijiet bankarji esebiti la xehdet dwarhom il-konvenuta u anqas ma xehed dwarhom hu, u allura ma humiex prova u qishom m'hummhiex *in actis*.";

Illi oltre dan in-nuqqas, jirrizulta wkoll li l-konvenuta issemmi li zewgha irtira il-flus u iddonhom lil Caritas; din il-Qorti ghadha ukoll esperjenza ta' koppji li rtiraw u rrangaw dwar assi simili li ma jkunux gew debitament dikjarati, u dan biex jevitaw sanzjonijiet qawwija kemm fiskali kif ukoll kriminali. Dwar dan ma irrizulta xejn fil-process hlief diversi statements u kopji ta' xi korrispondenza li wkoll baqghet bla konferma jew spjegazzjoni;

Illi jirrizulta li f'xi stadju il-konvenuta kienet semmiet il-hatra ta' espert kalligrafu li pero` baqghet bla ebda esitu, u ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tatix l-importanza mehtiega lill-akkantonament ta' procedura simili li, kieku provata setghet kienet ta' vantagg ghall-istess konvenuta. Dan qed jinghad, peress li dan in-nuqqas ma jistax jigi konsidrat bhala xi svista – meta wiehed jikkonsidra il-proceduri li stitwiet, certament b'certu success, dwar trasferimenti ta' beni immobili; ghazlet li ma tiftahx aktar kotba;

Illi b'dana kollu, il-Qorti sejra tikkonsidra l-istampa kompleta tal-provi li tressqu, u dan qed taghmlu, konxja tal-poteri lilha moghtija bl-artikoli citati. Gie rilevat fin-noti tal-konvenuta li meta dehru quddiem is-Sekond' Awla, l-attur stqarr li meta sar l-opportun verbal, huwa kellu 43,000 sterlina fir-Renju Unit. Veru issa ghaddew ghaxar snin u jista' jkun li l-attur irtirhom u tahom lil Caritas jew nefaqhom fil-mardiet u operazzjonijiet serji li ghalihom kien sottopost, imma il-Qorti sejra tikkonsidra l-imsemmi verbal meta tasal ghal konkluzjonijiet taghha dwar il-komunjoni;

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha l-artikolu 48 li jistipula: "*The spouse who shall have given cause to the*

*separation on any of the grounds referred to in articles 38 and 41* (adulterju u abbandun) *shall forfeit ...";*

Illi ghandha quddiemha is-sanzjonijiet  awtorizzati bl-artikoli 51 u 52 u sejra tezercita dawn id-drittijiet b'mod li d-divizjoni u assenjazzjoni li ser tigi ordnata tirrifletti l-ispirtu tal-ligi u l-htijiet u c-cirkostanzi kollha ta' dawn il-proceduri twal, u li fihom pero` il-partijiet intilfu tant fil-provi dwar il-htija li naqsu fuq il-parti patrimonjali u hallew f'idejn il-gudikant biex jesercita il-poteri wiesgha lilu moghtija mil-legislatur;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li gialadarba il-hajja familjari tal-konjugi Bellia zviluppat kif zviluppat, ikun opportun li l-mara u liz-zewg ulied minuri jkomplu jghixu fid-dar matrimonjali li fiha l-kumditajiet kollha, u anki fid-dawl ta' l-eta` tal-kontendenti, din ghandha tigi assenjata fl-interita` taghha lill-konvenuta ghalkemm irrizulta li parti sewwa minnha mhix tal-komunjoni; imma l-attur ghandu jiehu il-passi kollha mehtiega biex jittrasferixxi din il-proprjeta` lill-konvenuta;

Illi d-dar matrimonjali (ghalkemm mhix kollha kemm hi) tidher li hija ovvjament il-gid principali tal-komunjoni, u z-zewg propjetajiet l-ohra ghandhom jigu assenjati lill-attur;

Illi ghalkemm, kif inghad ma tressqux provi sufficjenti dwar xi depositi, l-ammont li l-attur kien xhed dwaru quddiem is-Sekond' Awla (wara il-varji ipotesijiet prospettati aktar 'l fuq) u li gie wkoll riferit fid-decizjoni tal-Onor. Qorti ta' l-Appell) qed jittiehed in konsiderazzjoni u il-Qorti ser tikkundanna lill-attur jghaddi lill-konvenuta s-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija;

Iz-zewg partijiet ghandhom izommu ghalihom il-flus jew titoli kollha li jinsabu f'idejhom jew f'isimhom;

Illi l-konventa ghandha zzomm ukoll bhala parti minn sehma l-ghamara u l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa’ l-ewwel domanda attrici u l-ewwel zewg kontro-talbiet tal-konvenuta u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet imputabbli liz-zewg partijiet imma l-aktar tort tal-konvenuta;

Tiddeciedi it-tieni talba u il-hames kontro-talba billi tiddikjara li l-konvenuta tilfet id-dritt ta’ manteniment minghand l-attur, u tordna li l-partijiet tilfu id-drittijiet successorji reciproci u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-effetti l-ohra tad-disposizzonijiet kontemplati fl-artikoli citati u f’dawk li ghalihom jirreferu;

Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet talba u t-tielet kontro-talba stante li l-ulied huma kollha maggiorenni;

Tichad ir-raba’ kontro-talba in kwantu tirreferi ghal manteniment ghaliha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu tirreferi ghall-ulied;

Tilqa’ is-seba’ kontro-talba b’dan li l-imsemmija beni qed jigu assenjati lill-konvenuta aktar ‘l quddiem;

Tiddeciedi r-raba’ domanda u s-sitt kontro-talba billi tiddikjara xolta il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjugi Bellia u tassenja lill-konvenuta bhala is-sehem lilha spettanti mill-istess komunjoni u ghad-dota u beni parafernali taghha, id-dar matrimonjali Qalb ta’ Gesu’, Leli Falzon Street, Naxxar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u l-attur ghandu jaghmel dak kollu necessarju biex din l-assenjazzjoni issehh, l-ghamara, hwejjeg u oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar, il-vettura Mini antika li tinsab fil-pussess tal-konvenuta u is-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) li l-attur huwa kundannat ihallas lill-konvenuta minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta’ meta din is-sentenza tghaddi in gudikat. Lill-attur qed jigu assenjati il-beni immobili l-ohra kollha u li jinkludu 37, Upper Bugibba Road, Bugibba u plot numru 5 Ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija, il-Mercedes antika li tinsab ghand l-

attur u dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu inkluzi flus u depositi bankarji;

L-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

---------------------------------TMIEM---------------------------------